

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1115

tas-7 ta' Lulju 2016

li tistabbilixxi format għat-tressiq ta' informazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar it-tħaddim tal-proċeduri skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi

(notifikata bid-dokument C(2016) 4141)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Biex jiġi żgurat li l-informazzjoni li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tgħaddi lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tkun ta' standard xieraq, jenħteġ li jiġi stabbilit format li jrid jintuża meta tingħata din l-informazzjoni.
- (2) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-konsistenza jixraq li jiġu speċifikati l-perjodi eżatti tar-rappurtar għall-għoti ta' informazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-format li bih l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha tressaq l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 għandu jkun dak ta' kwestjonarju, kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-ewwel rapport li jrid jitressaq mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 għandu jkopri s-sinjuri kalendarji tal-2014, tal-2015 u tal-2016.

⁽¹⁾ ĠUL 201, 27.7.2012, p. 60.

⁽²⁾ ĠUL 396, 30.12.2006, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

KWESTJONARJU

Taqsim 1: Informazzjoni ġenerali

1. Organizzazzjoni:

2. Perjodu kopert:

Taqsim 2: Informazzjoni dwar l-Aġenzija

3. Riżorsi umani fl-Aġenzija (li huma full time) li jaħdmu fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 649/2012:

4. Il-persunal tal-Aġenzija huwa involut ukoll fl-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni, konvenzjoni jew programm ieħor fil-livell tal-UE jew f'dak internazzjonali?

Iva

Le

Jekk iva, speċifika liema hi l-leġislazzjoni u ddeskrivi l-kwistjonijiet jew is-suġġetti li dwarhom il-persunal li jaħdem fuq ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 jikkollabora mal-persunal li jaħdem fuq xi leġislazzjoni differenti:

5. Ix-xogħol tal-Aġenzija huwa konformi max-xogħol mistenni?

Iva

Le

Informazzjoni addizzjonali:

Taqsim 3: Appoġġ lill-esportaturi u lill-importaturi

6. Fliema mill-attivitajiet li ġejjin l-Aġenzija stabbiliet attivitajiet ta' appoġġ u komunikazzjoni sabiex tappoġġa lill-esportaturi u lill-importaturi biex jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 649/2012?

Gwida teknika u xjentifika

Paġni web dwar ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 u l-proċedura elettronika tal-kunsens infurmat minn qabel (ePIC)

Messaġġi interni bl-ePIC

Kampanja ta' sensibilizzazzjoni

Midja soċjali

Żjarat fl-istabbilimenti tal-operaturi

Appoġġ lill-kumpaniji individwali

Sessjonijiet ta' ħidma, webinars u avvenimenti simili ta' taħriġ

Manwali tal-utent tal-IT, skedi informattivi u mistoqsijiet frekwenti

Oħrajn

Informazzjoni addizzjonali, jekk hi rilevanti:

7. L-Aġenzija tqis li dawn l-attivitajiet ta' appoġġ u ta' komunikazzjoni wasslu biex l-esportaturi u l-importaturi jkunu aktar konformi mar-Regolament (UE) Nru 649/2012?

Iva

Le

Informazzjoni addizzjonali:

8. X'inhi n-natura tal-aktar talbiet frekwenti ta' appoġġ li jagħmlu l-esportaturi u l-importaturi?

Sustanzi kimiċi soġġetti għar-Regolament (UE) Nru 649/2012 u kwistjonijiet oħra relatati mal-kamp ta' applikazzjoni

Attivazzjoni tan-numri ta' identifikazzjoni ta' referenza u kwistjonijiet relatati (eż. notifika ta' esportazzjoni u kunsens jew eżenzjoni espliċita)

L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar ir-rappurtar

Il-funzjonalità tal-ePIC

Oħrajn

Informazzjoni addizzjonali, li tinkludi l-għadd ta' talbiet riċevuti u indikazzjoni dwar id-distribuzzjoni tal-mistoqsijiet fis-suġġetti kollha.

9. Stima tal-ħin meħud fuq dan l-appoġġ (espressa bħala perċentwal tal-għadd totali ta' ekwivalenti għall-full time):

Taqsimha 4: Koordinazzjoni bejn l-Aġenzija, il-Kummissjoni u l-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati (DNAs)

10. L-Aġenzija hija kuntenta bil-kollaborazzjoni li teżisti bejnha u bejn il-Kummissjoni?

Iva

Le

Informazzjoni addizzjonali:

11. Oqsma fejn tista' titjeb il-kollaborazzjoni, jekk hemm:

L-Artikolu 6(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-abbozzar tad-dokumenti ta' gwida għat-teħid tad-deċiżjonijiet u dokumenti tekniċi oħra relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni

Thejjiġa ta' notifiċi tal-azzjoni regolatorja finali għas-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam

Thejjiġa teknika ta' laqgħat (eż. il-laqgħat tal-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati, tal-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Kimika, tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam)

Parteċipazzjoni f'laqgħat (eż. il-laqgħat tal-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati, tal-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Kimika, tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam)

L-Artikolu 6(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-għoti ta' input tekniku u xjentifiku sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament

L-għoti ta' input u assistenza teknika u xjentifiċi dwar ir-rwol tal-Kummissjoni bħala Awtorità Nazzjonali Nominata komuni tal-Unjoni

L-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-esportazzjoni f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza

L-Artikolu 14(6) u (7) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet li l-esportazzjoni tista' ssir fin-nuqqas ta' kunsens espliċitu

L-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-iskambju ta' informazzjoni

L-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-assistenza teknika

L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-aġġornament tal-Annessi

Oħrajn

Informazzjoni addizzjonali:

12. L-Aġenzija hija kuntenta bil-kollaborazzjoni li teżisti bejnha u bejn l-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati?

Iva

Le

Informazzjoni addizzjonali:

13. Oqsma fejn tista' titjieb il-kollaborazzjoni, jekk hemm:

L-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-iskedi ta' żmien għall-ipproċessar tan-notifiki ta' esportazzjoni

L-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-esportazzjoni f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza

L-Artikolu 8(7) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-informazzjoni addizzjonali li trid tingħata dwar is-sustanzi kimiċi esportati jekk din tintalab

L-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar is-sustanzi li ma jstgħux jiġu esportati sakemm ma jiġux issodisfati ċerti kundizzjonijiet

L-Artikolu 14(6) u (7) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet li l-esportazzjoni tista' ssir fin-nuqqas ta' kunsens espliċitu

Oħrajn

Informazzjoni addizzjonali:

Taqsimha 5: Notifiki tal-esportazzjoni mibgħuta lill-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam u lil pajjiżi oħrajn

14. Kemm-il notifika ta' esportazzjoni u kompitu relatat ġew indirizzati mill-Aġenzija kull sena (jiġifieri s-sena li fiha seħħet l-esportazzjoni)?

	Sena 1	Sena 2	Sena 3
Notifiki tal-esportazzjoni indirizzati			
Notifiki tal-esportazzjoni mibgħuta			
Konfermi tar-riċevuta riċevuti			
Notifiki tal-esportazzjoni mibgħuta għat-tieni darba			

15. Liema huma r-rekwiżiti tal-informazzjoni mitluba fil-formola tan-notifika tal-esportazzjoni li l-esportaturi qed ikollhom diffikultà fihom?

Identità tas-sustanza li trid tiġi esportata

Identità tat-taħlita li trid tiġi esportata

Identità tal-prodott li jrid jiġi esportat

Informazzjoni dwar l-esportazzjoni

Informazzjoni dwar il-perikli u/jew ir-riskji tas-sustanza kimika u l-miżuri ta' prekawzjoni

Taqsira tal-karatteristiċi fiżikokimiċi, tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi

Informazzjoni dwar azzjoni regolatorja finali meħuda mill-pajjiż esportatur

Informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-Parti esportatriċi

Disponibbiltà tal-kodiċijiet tan-NM jew tal-kodiċijiet CUS

- Użu maħsub tas-sustanza kimika fil-pajjiż importatur
 Taqsira tal-azzjoni regolatorja finali, ir-raġunijiet għaliha u d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha
 Oħrajn
 Mhux applikabbli

Informazzjoni addizzjonali:

16. Kemm-il notifika ta' esportazzjoni ntbagħtet lura lill-esportatur għar-raġunijiet imsemmija fit-tabella ta' hawn taħt?

Raġuni/Għadd fis-sena	Sena 1	Sena 2	Sena 3
Talba għal tressiq mill-ġdid			
Talba miċħuda			

Jekk inhu rilevanti, speċifika l-aktar raġunijiet frekwenti li għalihom intalab it-tressiq mill-ġdid tan-notifiki tal-esportazzjoni u l-aktar raġunijiet frekwenti għala dawn iċċaħdu:

Raġunijiet għala ntablab li jitressqu mill-ġdid in-notifiki tal-esportazzjoni:

Raġunijiet għala ċċaħdu n-notifiki tal-esportazzjoni:

17. L-Aġenzija nnutat li l-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati kellhom xi diffikultajiet biex ilaħħqu mal-perjodu ta' żmien li fih iridu jibagħtu n-notifiki lill-Aġenzija?

- Iva
 Le

Jekk iva, kemm-il notifika waslet tard matul il-perjodu ta' rappurtar u x'inhu l-perċentwal tal-għadd totali ta' notifiki li dan jirrappreżenta:

Sena	Nru ta' notifiki li waslu tard	% tal-għadd totali ta' notifiki fis-sena
Sena 1		
Sena 2		
Sena 3		
Total		

Informazzjoni addizzjonali:

18. L-Aġenzija kellha xi diffikultajiet biex tlaħħaq mal-perjodu ta' żmien li fih trid tipproċessa u tibgħat in-notifiki lill-pajjiż importatur (mhux fl-UE)?

- Iva
 Le

Jekk iva, kemm-il notifika kienet proċessata tard matul il-perjodu ta' rappurtar u x'inhu l-perċentwal tal-għadd totali ta' notifiki li dan jirrappreżenta:

Sena	Nru ta' notifiki li waslu tard	% tal-għadd totali ta' notifiki fis-sena
Sena 1		
Sena 2		
Sena 3		
Total		

L-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-esportazzjoni ta' sustanza kimika b'rabta ma' sitwazzjoni ta' emerġenza

19. L-Aġenzija ltaqgħet ma' xi diffikultajiet waqt l-ipproċessar ta' notifika ta' esportazzjoni mressqa skont il-proċedura ta' sitwazzjoni ta' emerġenza?

- Iva
 Le
 Ma waslet l-ebda notifika ta' esportazzjoni bħal din

Informazzjoni addizzjonali:

L-Artikolu 8(7) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar informazzjoni addizzjonali li tikkonċerna s-sustanzi kimiċi esportati

20. L-Aġenzija ntabet taġhti aktar informazzjoni lill-partijiet importaturi u lil pajjiżi oħrajn dwar is-sustanzi kimiċi esportati?

- Iva
 Le

Jekk iva, x'tip ta' informazzjoni ntlabet:

Taqsim 6: Notifiki ta' esportazzjoni mill-Partijiet u minn pajjiżi oħrajn

L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar notifiki ta' esportazzjoni riċevuti mill-Aġenzija mill-awtoritajiet f'pajjiżi mhux fl-UE

21. Kemm-il notifika ta' esportazzjoni rċeviet l-Aġenzija fil-perjodu tar-rappurtar minn pajjiżi mhux fl-UE?

	Notifiki riċevuti
Sena 1	
Sena 2	
Sena 3	
Total	

22. Kemm-il konferma tar-riċevuta għan-notifiki ta' esportazzjoni minn pajjiżi mhux fl-UE baġtet l-Aġenzija fil-perjodu ta' rappurtar?

	Konfermi mibgħuta
Sena 1	
Sena 2	
Sena 3	
Total	

Taqsim 7: Informazzjoni dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi

Rappurtar tal-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati lill-Aġenzija (l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 649/2012)

23. Kien hemm każijiet fejn l-Aġenzija damet biex tirċievi mingħand l-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati r-rapporti nazzjonali aggregati dwar il-kwantità ta' sustanzi kimiċi esportati lil kull Parti jew lil kull pajjiż ieħor, jew importati minnu, matul is-sena ta' qabel?

- Iva
 Le

Informazzjoni addizzjonali:

24. Minbarra dak li ssemma hawn fuq, l-Aġenzija kellha xi kwistjonijiet mal-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati b'rabta mal-eżerċizzju ta' rappurtar skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 649/2012?

Iva

Le

Informazzjoni addizzjonali:

Taqsim 8: Obbligi relatati mal-esportazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi minbarra n-notifika tal-esportazzjoni

Sustanzi li ma jistgħux jiġu esportati sakemm ma jiġux issodisfati ċerti kundizzjonijiet (l-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012)

25. L-Aġenzija kellha xi diffikultajiet dwar l-involviment tagħha fil-proċedura ta' kunsens espliċitu (eż. biex tivvalida l-metadejta tal-kunsens espliċitu mdaħħla mill-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati)?

Iva

Le

Informazzjoni addizzjonali:

Deċiżjoni tal-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati (f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni appoġġata mill-Aġenzija) li l-esportazzjonijiet jistgħu jsiru sa 60 jum wara li ssir talba għal kunsens espliċitu (l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012)

26. L-Aġenzija ltaqgħet ma' xi diffikultajiet waqt l-ipproċessar ta' notifiċi ta' esportazzjoni soġġetta għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(7) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 jew waqt li assistiet lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni?

Iva

Le

Informazzjoni addizzjonali:

Tfakkiriet ta' kunsens espliċitu (l-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012)

27. Kemm-il tfakkira għal talba ta' kunsens espliċitu baġtet l-Aġenzija skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012?

	L-ewwel tfakkira	It-tieni tfakkira
Sena 1		
Sena 2		
Sena 3		
Total		

Validità tal-kunsens espliċitu (l-Artikolu 14(8) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012)

28. L-Aġenzija ltaqgħet ma' xi diffikultajiet biex tindirizza każijiet fejn l-esportazzjoni tħalliet issir skont it-tieni subparagrafu sakemm tasal it-tweġiba għal talba ġdida għall-kunsens espliċitu skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(8) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012?

Iva

Le

Informazzjoni addizzjonali:

Taqsim 9: Skambju ta' informazzjoni

Skambju ta' informazzjoni

29. Fil-kuntest tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012, l-Aġenzija rċeviet xi talba biex tipprovdi informazzjoni ta' natura xjentifika, teknika, ekonomika jew legali li tikkonċerna s-sustanzi kimiċi soġġetti għar-Regolament?

- Iva
 Le

Jekk iva, agħti aktar dettalji:

Rappurtar dwar l-informazzjoni trażmessa

30. L-Aġenzija ltaqgħet ma' xi diffikultajiet biex tiġbor l-informazzjoni mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri dwar id-dejta trażmessa?

- Iva
 Le

Jekk iva, agħti aktar dettalji:

31. L-Aġenzija ltaqgħet ma' xi diffikultajiet biex timla r-rapport skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012?

- Iva
 Le

Jekk iva, agħti aktar dettalji:

Taqsim 10: Assistenza teknika

Kooperazzjoni

32. L-Aġenzija kienet involuta fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, ma' pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni jew ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi biex ittejjeb il-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u, b'mod partikolari, biex timplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam?

- Iva
 Le

Jekk iva, x'tip ta' kooperazzjoni kien hemm:

- Informazzjoni teknika
 Għarfien tekniku espert għall-identifikazzjoni ta' formulazzjonijiet tal-pestiċidi perikolużi
 Għarfien tekniku espert għat-tħejjija ta' notifiki għas-Segretarjat
 Oħrajn

Jekk hemm xi tip ta' kooperazzjoni oħra, agħti aktar dettalji.

Speċifika l-pajjiżi li qed jibbenefikaw minn din il-kooperazzjoni.

Informazzjoni addizzjonali:

Tisħiħ tal-kapaċitajiet

33. L-Aġenzija ħadet sehem fxi proġett jew attività internazzjonali marbuta mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi jew appoġġat lil xi NGO involuta f'attivitajiet bħal dawn?

- Iva
 Le

Jekk iva, iddeskrivi dawn l-attivitajiet:

Taqsimha 11: Infurzar tar-Regolament (UE) Nru 649/2012

Ir-rwol tal-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar ("il-Forum"; l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012)

34. Qed isir skambju regolari ta' informazzjoni fil-Forum dwar il-koordinazzjoni tal-infurzar tar-Regolament (UE) Nru 649/2012?

Iva

Le

Jekk iva, speċifika s-suġġetti diskussi.

Informazzjoni addizzjonali:

35. Il-Forum ikkoordina l-infurzar tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 f'dan il-perjodu ta' rappurtar?

Iva

Le

Jekk iva, iddeskrivi dawn l-attivitajiet:

36. Kif jistgħu jitjiebu l-attivitajiet tal-Forum marbuta mal-infurzar tar-Regolament (UE) Nru 649/2012?

Sehem l-Aġenzija fl-attivitajiet ta' infurzar

37. L-Aġenzija ħadet sehem f'xi attività ta' infurzar marbuta mar-Regolament (UE) Nru 649/2012 għajr daww inidrizzati mill-Forum?

Iva

Le

Jekk iva, iddeskrivi dawn l-attivitajiet:

Taqsimha 12: Aspetti relatati mal-IT

Is-sistema elettronika għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 (ePIC)

38. Kemm-il organizzazzjoni jew utent estern qed jużaw l-ePIC għal kull kategorija msemmija hawn taħt?

— L-industrija:

— L-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati:

— Il-Kummissjoni:

— Id-Dwana:

— L-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Infurzar:

39. Liema huma l-karatteristiċi ġodda jew imtejba li ġew inklużi fl-ePIC meta mqabbla mal-perjodu ta' rappurtar ta' qabel:

Informazzjoni addizzjonali:

40. Kemm saru rilaxxi tas-sistema fil-perjodu ta' rappurtar:

41. Agħti dettalji dwar id-disponibbiltà tas-sistema għal utenti esterni:

42. Taqsira ta' livell għoli tal-feedback li rċeviet l-Aġenzija dwar l-ePIC mill-komunitajiet tal-utenti li ġejjin:

— L-industrija:

— L-Awtoritajiet Nazzjonali Nominati:

- Il-Kummissjoni:
- L-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Infurzar:
- Id-Dwana:

43. Jekk inhu l-każ, speċifika l-ħtiġijiet ta' titjib identifikati għas-sistema tal-IT:

Tixrid ta' dejta

44. Liema hija d-dejta li toriġina mill-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 li tkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Aġenzija:

45. Liema hija d-dejta l-għdida li saret disponibbli mill-aħħar perjodu ta' rappurtar 'l hawn:

46. L-Aġenzija rċeviet xi feedback dwar id-dejta marbuta mal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 li hija disponibbli fuq is-sit web?

- Iva
- Le

Jekk iva, aghthi taqsira ta' livell għoli ta' dan il-feedback:

Taqsimha 13: Kummenti addizzjonali

47. Aghthi kull informazzjoni jew kumment ieħor marbut mat-tħaddim tal-proċeduri skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 li tqis li huwa rilevanti fil-qafas tar-rappurtar skont l-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament.
